



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2021

Il-proposti dwar il-ġbir tad-dħul mill-UE huma promettenti, iżda mhumiex ambizzjużi biżżejjed

Is-sistema użata għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni Ewropea ilha mill-1988 ma tiġi riformata sinifikattivament. Bidliet li ġew proposti reċentement għall-mod kif l-UE tiġbor id-dħul, li se jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Istati Membri, huma b'mod ġenerali pass fit-triq it-tajba, iżda hemm lok għal titjib. Din hija l-konklużjoni prinċipali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li l-Opinjoni tagħha dwar reviżjoni li ġiet proposta, tal-proċeduri tal-UE għall-ġbir tad-dħul, ġiet maħruġa illum.

Hemm tliet sorsi prinċipali ta' dħul għall-baġit tal-Unjoni Ewropea: ir-riżorsi proprji tradizzjonali (RPT), riżorsa proprja bbażata fuq l-introjt nazzjonali gross tal-Istati Membri (ING), u riżorsa proprja oħra bbażata fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT). Fl-2021, is-sistema ta' finanzjament tal-UE ġiet riformata b'xi bidliet fi tnejn minn dawn is-sorsi ta' dħul (il-kontribuzzjoni bbażata fuq l-RPT u dik ibbażata fuq il-VAT). Ġiet introdotta wkoll riżorsa proprja ġdida bbażata fuq l-iskart mill-imballaġġ tal-plastik mhux riċiklat. Il-biċċa leġiżlazzjoni ewlenija li fuqha huwa bbażat il-ġbir tad-dħul mill-UE hija r-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni (MAR), li għalih il-Kummissjoni Ewropea pproponiet xi emendi. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) laqgħet uħud minn dawn il-bidliet, iżda tindika oqsma fejn il-proposta leġiżlattiva għandha xi żvantaġġi.

"Uħud mill-modifiki proposti għall-flussi tad-dħul tal-UE jaqsmu ħafna sens," qal Marek Opiola, il-Membri tal-QEA responsabbli għall-Opinjoni. *"Dawk il-modifiki dwar kif ir-riżorsi proprji tal-UE jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-UE se jipprovdu prevedibbiltà akbar għall-Istati Membri u jgħinu biex jonqos il-piż amministrattiv għall-Kummissjoni Ewropea. Iżda proposti oħra mhumiex daqshekk promettenti. Pereżempju, il-proċeduri li ġew proposti għas-soluzzjoni tat-tilwim huma parzjalment differenti mir-regoli stabbiliti f'regolamenti eżistenti oħra, fatt li jista' jżid mal-komplessità tas-sistema ta' riżorsi proprji u jaffettwa ċ-ċertezza legali."*

Il-QEA tindika wkoll li r-regoli proposti għall-ġestjoni tal-ammonti irrekuperabbli ma jissimplifikawx is-sistema u ma jidherx li se jżidu l-effiċjenza tal-ġbir tad-dħul. U f'xi każijiet, bħal bidliet fil-ġestjoni

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tal-opinjoni maħruġa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-opinjoni sħiħa tinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

tat-teżor, sempliċiment ma hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli biex ikun possibbli li jiġi vvalutat kemm se jiġibu benefiċċji r-regoli l-ġodda.

Il-QEA b' mod ġenerali tilqa' l-bidliet proposti għall-mod kif jiġu ttrattati il-pagamenti tardivi mill-Istati Membri. Hija tikkonkludi li dawn it-tibdiliet x'aktarx iwasslu għal titjib fl-effiċjenza - għalkemm tirrikonoxxi li l-għadd ta' każijiet affettwati kull sena mill-bidliet se jkun relattivament żgħir. Il-QEA tosserva li l-estensjoni tal-limitu massimu tal-impjgħax fuq il-pagamenti tardivi għal każijiet antiki tista' tirriżulta f' benefiċċji finanzjarji għal ftit Stati Membri.

Fl-Opinjoni tagħha, il-QEA tagħmel suġġerimenti dwar kif jistgħu jitjiebu l-bidliet għar-regoli. Hija tissuġġerixxi li għandu jkun hemm proċedura ta' rieżami unika fis-sistema tal-UE għas-soluzzjoni tat-tilwim mal-Istati Membri b'rabta mar-riżorsi proprji. Tissuġġerixxi wkoll li l-leġislaturi għandhom jikkunsidraw mill-ġdid l-introduzzjoni ta' limitu taż-żmien ġenerali għat-tneħħija tad-djun irrekuperabbli mill-kontijiet tal-RPT.

Fl-aħħar nett, il-QEA jiddispjaċiha li l-proposta leġislattiva li temenda l-MAR ma bbenefikatx minn fużjoni ġenerali tad-dispożizzjonijiet kollha fis-seħħ dwar l-arranġamenti tal-UE għall-ġbir tad-dħul, li permezz tagħha s-sistema tkun aktar sempliċi u trasparenti.

Informazzjoni ġenerali

L-Opinjoni Nru 2/2021 hija disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#) bl-Ingliż; lingwi oħra tal-UE se jkun u disponibbli fi żmien qasir. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kkontribwiet ukoll għan-negozjati leġislattivi dwar is-sistema l-ġdida għall-finanzjament tal-UE bl-[Opinjoni dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea](#) li hija ppubblikat fl-2018 u l-[Opinjoni dwar il-proposta biex jiġi ssimplifikat il-kalkolu tal-element tal-VAT tas-sistema ta' finanzjament tal-UE](#) li hija ppubblikat fl-2020.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Richard Moore: richard.moore@eca.europa.eu
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547